GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-GVERN LOKALI
U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

DIVIŻJONI GĦALL-GVERN LOKALI

Ċirkulari Numru 10/2026

Template Rivedut tal-Baġit u Cash Reserve Account

Lil: Presidenti, Viċi Presidenti, Membri u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Reġjonali Sindki, Viċi Sindki, Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Lokali, President, Viċi President, Membri, Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

Mingħand: Id-Direttur, Gvern Lokali (Finance and Procurement Compliance)

Data: 12 ta' Novembru, 2026

1. Skop taċ-Ċirkolari

L-għan ta' din iċ-Ċirkulari huwa li tintroduċi mudell rivedut tal-baġit li għandu jiġi adottat mill-Kunsilli Lokali kollha li implimentaw ic-Chart of Accounts il-ġdida, skont iċ-Ċirkulari Nru 1 tal-2026.

Il-mudell rivedut japplika wkoll għall-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, minkejja li l-Assoċjazzjoni għandha Chart of Accounts differenti.

2. Għaliex Kien Meħtieġ Tibdil fil-Mudell tal-Baġit?

Il-mudell rivedut tal-baġit huwa allinjat maċ-Chart of Accounts il-ġdida u jintroduċi approċċ imtejjeb għat-tħejjija tal-baġit, b'enfasi fuq il-prinċipju tal-ibbaġitjar minn bażi żero (Zero-Based Budgeting). Dan l-approċċ iħeġġeġ lill-Kunsilli jevalwaw b'mod kritiku n-nefqa prevista tagħhom, abbażi tal-ħtiġijiet mistennija, ir-rekwiżiti operattivi u l-prijoritajiet strateġiċi, minflok ma jiddependu esklussivament fuq in-nefqa tas-snin preċedenti.

Madankollu, l-analiżi tan-nefqa tas-snin preċedenti tibqa' wkoll importanti sabiex il-Kunsilli jkunu jistgħu jidentifikaw ix-xejriet finanzjarji u l-andament tan-nefqa matul is-snin. Permezz t'hekk ikunu f'pożizzjoni aħjar li jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji infurmati u kif ukoll responsabbli.

It-tħejjija tal-baġit għandha, f'kull każ, tibqa' fil-limiti tar-riżorsi finanzjarji disponibbli għas-sena finanzjarja rispettiva. Għaldaqstant, in-nefqa prevista m'għandhiex taqbeż id-dħul previst, u l-Kunsilli għandhom jippreżentaw baġit bilanċjat, mingħajr ebda defiċit ippjanat.

L-istruttura tal-mudell tal-baġit ġiet ukoll aġġornata sabiex tipprovdi għall-possibbiltà li Kunsilli li jkollhom tfaddil akkumulat fi flus kontanti minn snin preċedenti jkunu jistgħu jużaw dawn il-fondi, skont il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stipulati f'Taqsima 5 ta' din iċ-Ċirkulari.

Din ir-riforma tirrappreżenta pass importanti ieħor lejn governanza finanzjarja aktar b'saħħitha, titjib fit-trasparenza u prattiki ta' ġestjoni finanzjarja u kontabbiltà aktar effiċjenti.

3. Approċċ ta' Implimentazzjoni

Il-Kunsilli Lokali li jkunu diġà adottaw iċ-chart of accounts il-ġdida matul is-sena 2026 għandhom jibdew jużaw il-mudell il-ġdid tal-baġit b'effett immedjat.

Min-naħa l-oħra, dawk il-Kunsilli li ma jkunux għadhom adottaw iċ-chart of accounts il-ġdida matul is-sena 2026 għandhom jibdew jużaw il-mudell il-ġdid tal-baġit mis-sena 2027, meta jkunu mistennija li jagħmlu t-tranżizzjoni għaċ-chart of accounts il-ġdida.

4. Rekwiżiti Ewlenin

Fit-tħejjija tal-baġit annwali, skont il-mudell anness ma' din iċ-ċirkulari, il-Kunsilli Lokali u dawk Reġjonali għandhom iqisu r-rekwiżiti li ġejjin:

a) Ċifri Attwali tas-Sena Preċedenti (eż. Sena Finanzjarja 2025)

Iċ-ċifri rrappurtati għas-sena finanzjarja preċedenti għandhom ikunu bbażati fuq ir-rapporti finanzjarji awditjati ta' dik is-sena.

Dawn iċ-ċifri jipprovdu bażi soda u ta' min joqgħod fuqha għall-cash flow tal-istess Kunsilli. Kif ukoll iservu bħala punt ta' referenza importanti għall-ippjanar finanzjarju għas-snin sussegwenti.

b) Tbassir Finanzjarju għas-Sena Kurrenti (eż. Sena Finanzjarja 2026)

It-tbassir finanzjarju għas-sena kurrenti għandu jkun ibbażat fuq id-data finanzjarja attwali estratta mis-sistema tal-kontabbiltà tal-Kunsill. Għalkemm din id-data ma tkunx għadha ġiet awditjata, għandha tiġi kkombinata ma' stimi realistiċi tad-dħul u tan-nefqa għall-bqija tax-xhur tas-sena.

L-għan huwa li titħejja projezzjoni affidabbli tal-pożizzjoni u l-prestazzjoni finanzjarja mistennija tal-Kunsill sal-aħħar tas-sena finanzjarja.

c) Baġit għas-Sena Finanzjarja Sussegwenti (eż. Sena Finanzjarja 2027)

Fit-tħejjija tal-baġit għas-sena finanzjarja sussegwenti, il-Kunsilli huma mistennija li jevalwaw b'mod kritiku u jiġġustifikaw id-dħul u l-infiq previsti minnhom, abbażi tal-ħtiġijiet mistennija, ir-rekwiżiti operattivi, l-attivitajiet ippjanati u l-prijoritajiet strateġiċi.

Dan għandu jsir minflok ma sempliċement jiġu ripetuti jew aġġustati l-allokazzjonijiet baġitarji tas-snin preċedenti.

Madankollu, id-data miġbura dwar in-nefqa tibqa' punt ta' referenza importanti, peress li tippermetti lill-Kunsilli jidentifikaw ix-xejriet tal-infiq, jevalwaw l-andament finanzjarju matul is-snin u jieħdu deċiżjonijiet aktar infurmati fit-tħejjija tal-istess baġit.

Dan l-approċċ jippromwovi l-prinċipji tal-ibbaġitjar minn bażi żero (Zero-Based Budgeting), fejn l-allokazzjonijiet baġitarji jiġu determinati primarjament skont il-ħtiġijiet effettivi u l-prijoritajiet tal-Kunsill, filwaqt li jiġi żgurat li n-nefqa totali ppjanata tibqa' fil-limiti tar-riżorsi finanzjarji li l-Kunsill ikun mistenni li jkollu għad-diżpożizzjoni tiegħu.

5. Il- Cash Reserve A/C

Huwa rikonoxxut li ċerti Kunsilli Lokali u Reġjonali, jista' jkollhom tfaddil akkumulat fi flus kontanti minn snin finanzjarji preċedenti, li jkun għadu ma ġiex allokat jew marbut ma' proġetti speċifiċi jew obbligi finanzjarji oħra.

Fejn dawn il-Kunsilli jkollhom pożizzjoni finanzjarja soda, Working Capital adegwat u Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja (Financial Situation Indicator – FSI) f'livell tajjeb, jista' jiġi kkunsidrat li parti minn dan it-tfaddil jiġi allokat f'kont tar-riżerva ta' flus kontanti apposta – Cash Reserve A/C,

Huwa enfasizzat li l-Kunsilli mhumiex permessi li jħejju jew japprovaw baġit b'defiċit. Għaldaqstant, kwalunkwe nefqa ppjanata li taqbeż id-dħul disponibbli fil-baġit annwali għandha tkun iffinanzjata minn sorsi ta' finanzjament identifikabbli u disponibbli. Dawn fejn applikabbli, għandhom jiġu minn tfaddil akkumulat fi flus kontanti minn snin preċedenti.

Madankollu, l-allokazzjoni u l-użu ta' dan it-tfaddil għandu jsir b'mod prudenti, filwaqt li jiġi żgurat li l-Kunsill iżomm likwidità suffiċjenti sabiex dan ikun jista' jonora l-obbligi finanzjarji kollha eżistenti u dawk prevedibbli.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet tal-Working Capital tal-Kunsill, lill-obbligi finanzjarji pendenti u kif ukoll lill-impenji finanzjarji futuri u lis-sostenibbiltà finanzjarja ġenerali tiegħu.

Il-ħolqien jew l-użu tal Cash Reserve A/C, m'għandux, fl-ebda ċirkostanza, jikkomprommetti l-istabbiltà finanzjarja tal-Kunsill jew ikollu impatt negattiv fuq l-FSI tiegħu.

Sabiex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni u l-monitoraġġ ta' dawn ir-riżervi, ġew introdotti kontijiet nominali ġodda fiċ-Chart of Accounts:

5198 – Cash Reserve A/C for Projects of a Capital Nature (Statement of Financial Position)

5199 – Cash Reserve A/C for Projects on Income Nature (Statement of Financial Position)

Dawn il-kodiċi nominali għandhom jibdew japplikaw mis-sena finanzjarja **2027** u għandhom jintużaw esklussivament sabiex jiġi identifikat tfaddil akkumulat fi flus kontanti li ma jkunx diġà marbut m'impenji finanzjarji u li jkun disponibbli għall-allokazzjoni għal nefqa eliġibbli fil-futur.

Għandhom japplikaw dawn il-prinċipji sussegwenti:

a) Eliġibbiltà u Disponibbiltà tal-Fondi

Jista' jiġi kkunsidrat għall-allokazzjoni fil-kont tar-riżerva ta' flus kontanti biss dak it-tfaddil akkumulat minn snin finanzjarji preċedenti li jkun effettivament disponibbli fil-kontijiet bankarji tal-Kunsill u li ma jkunx suġġett għal impenji eżistenti, restrizzjonijiet jew obbligi finanzjarji oħra.

b) Evalwazzjoni tal-Kapaċità Finanzjarja

Qabel ma jiġu allokati fondi fil-Cash Reserve A/C, il-Kunsilli għandhom jikkonsultaw mal-accountant maħtur tagħhom sabiex issir evalwazzjoni tal-pożizzjoni finanzjarja u jiġi determinat jekk jeżistix eċċess ta' likwidità suffiċjenti.

Din l-evalwazzjoni għandha tieħu in konsiderazzjoni l-Working Capital tal-Kunsill, il-ħtiġijiet tal-flussi tal-flus (Cash Flow), l-obbligi finanzjarji pendenti, l-impenji prevedibbli u l-FSI.

L-accountant għandu jagħti parir bil-miktub dwar l-ammont massimu li jista' jiġi allokat b'mod prudenti, mingħajr ma tiġi kompromessa s-sostenibbiltà finanzjarja tal-istess Kunsill.

c) Użu Permess tar-Riżervi

Il-fondi allokati fil-Cash Reserve A/C għandhom jintużaw esklussivament sabiex jiffinanzjaw nefqa kapitali jew attivitajiet li joħolqu valur miżjud, ikklassifikati taħt il-kodiċijiet nominali **3500–3510 (Local and EU Projects of an Income Nature)**.

Din in-nefqa għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp fit-tul, għas-sostenibbiltà finanzjarja jew għall-kapaċità tal-istess Kunsill li jiġġenera dħul addizzjonali.

d) Nefqa Barra mill-Kategoriji Permessi

Kwalunkwe proposta sabiex ir-riżervi ta' flus kontanti jintużaw għan-nefqa li ma taqax taħt Capital Projects jew il-kodiċijiet nominali 3500–3510 għandha teħtieġ l-approvazzjoni minn qabel u bil-miktub tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali (DLG).

Il-Kunsilli m'għandhomx jidħlu għal impenji finanzjarji jew jużaw dawn il-fondi qabel ma tinkiseb l-approvazzjoni neċessarja.

e) Monitoraġġ Finanzjarju u Responsabbiltà

Il-Kunsilli għandhom iżommu rekords kontabbli adegwati li jissostanzjaw l-allokazzjoni u l-użu tal- Cash Reserve A/C.

Id-disponibbiltà ta' dawn ir-riżervi għandha tiġi riveduta perjodikament, b'mod partikolari waqt il-proċess tat-tħejjija tal-baġit annwali, sabiex jiġi żgurat li l-ammonti allokati jibqgħu sostnuti minn fondi likwidi suffiċjenti li ma jkunux diġà marbuta m'impenji finanzjarji oħra.

6. Konklużjoni

Dawn il-bidliet huma intiżi sabiex jippromwovu ppjanar finanzjarju aktar prudenti u jgħinu lill-Kunsilli jżommu pożizzjoni finanzjarja soda. Dan għandu jsir billi jiġu mħarsa l-likwidità, ir-reżiljenza finanzjarja u l-kapaċità tal-Kunsilli li jkomplu jonoraw l-obbligi operattivi u finanzjarji tagħhom.

IFFIRMATA

Clare Bugeja
Id-Direttur, Gvern Lokali (Finance and Procurement Compliance)

Kopji: Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi
Segretarju Permanenti, MCLG
Awditur Ġenerali
Direttur Ġenerali (Gvern Lokali)
Direttur, Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport)
Direttur, Gvern Lokali (Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy)
Direttur, Gvern Lokali (International Affairs and Training)
Direttur, Gvern Lokali (Procurement)
President, AKL
President, ANSEK